# L-Impenn tal-Professjoni

## *Għażliet kuraġġużi*

## *Skeda 13*

**minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.**



Fl-iskeda li għaddiet tkellimna dwar is-serjetà tar-rabta fil-Karmelu permezz tal-Professjoni u l-impenn li joħroġ minn din ir-rabta. Għedna li m'għandniex nieħdu din ir-rabta b'mod ħafif għax il-Professjoni hija rabta pubblika uffiċjalment milqugħa mill-Knisja u magħha jiġu drittijiet u dmirijiet. Għalhekk, pereżempju, it-Terz'Ordni huwa regolat minn Regola u Statuti li japplikaw għal żmienna r-Regula ewlenija, dik ta' San Albert, li fuqha jimxi l-Ordni Karmelitan kollu.

X'inhu allura dan l-impenn li aħna nidħlu għalih bil-Professjoni Pubblika fit-Terz'Ordni Karmelitan? Il-Professjoni fit-Terz'Ordni hija tarġa importanti li timmarka l-mixja tagħna wara Kristu bħala Nsara fil-Karmelu. Iżda kif jgħid tajjeb Johan Bergstrom Allen fil-Manwal tal-Formazzjoni għat-Terz'Ordni Climbing the Mountain (li nheġġeġ minn hawn, wara li fil-Kapitlu Provinċjali 2021 intwera l-bżonn li t-Terz'Ordni f'pajjiżna jiġġedded, li dan ikun il-Manwal għall-Formazzjoni li għandu jiġi użat fil-fraternitajiet kollha ta' Malta sabiex nimxu pass pass mal-mixja tal-Ordni), il-Professjoni mhijiex il-quċċata, iżda l-punt tat-tluq. Ġustament huwa jiddistingwi bejn il-lajċi li jħossuhom ispirati mill-ħajja u l-ispiritwalità Karmelitana, u dawk li din l-ispirazzjoni tqanqalhom biex jimpenjaw ruħhom f'rabta definittiva mal-Ordni bħala Sekulari jew Reliġjużi bil-Professjoni.

Fuq dan kemm-il darba insistejna f'dawn l-iskedi, għax sfortunatament, lokalment, għadna m'għamilniex din id-distinzjoni, jew għax ma rridux, jew għax ma fhimnihiex, jew għax forsi nibżgħu mill-impenn, u allura għadna nagħmlu l-iżball, moderaturi u assistenti spiritwali ikoll, li nagħtu l-vestizzjoni u l-professjoni li min sempliċement irid jirċievi l-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu, minflok ngħadduhom għall-kitba fil-Labtu jew fil-Konfraternità tal-Madonna tal-Karmnu (li m'għandhiex x'taqsam mal-Fratellanzi li nsibu f'xi knejjes u parroċċi. Hawn ukoll inħalltu bla ma nafu eżattament xi nkunu qegħdin ngħidu

u nagħmlu). Jekk tassew irridu li t-Terz'Ordni jiżviluppa f'dak li suppost hu, irridu nagħmlu ħilitna sabiex l-ewwel nibdlu l-mentalità tagħna u jkollna l-kuraġġ li nagħmlu żabra kif imiss fil-fraternitajiet tagħna, inkella se nibqgħu fejn aħna, u min jibqa' fejn hu bla ma jimxi 'l quddiem, inin u jmut.

## L-Ewwel tarġa

Għaldaqstant, fl-ewwel tarġa, qabel kollox, kull kandidat għat-Terz'Ordni, kif ukoll kull membru fit-Terz'Ordni, irid jistaqsi lilu nnifsu: *"Jien, għaliex qiegħed/irrid nidħol fit-Terz'Ordni Karmelitan?"* Jekk it-tweġiba ma tirriflettix dak li titlob ir-Regula, jiġifieri li nagħmlu tagħna l-istil ta' ħajja Karmelitana skont dak li titlob u teħtieġ minna l-Knisja llum (ara *Regula* 30), allura postna mhux fil-Karmelu bħala Terzjarji Professi. U nafu lkoll liema huma, xi drabi, l-intenzjonijiet ta' min ġieli jitlob li jissieħeb fit-Terz'Ordni, u li ftit jew wisq ma jkunux f'posthom. Dawn ivarjaw, minn devozzjoni lejn il-Madonna, sa post fejn jindifnu! Kull wieħed u waħda minna nistgħu nimmeditaw u nirriflettu fuq il-mistoqsija, li Alla għamel lill-ewwel bniedem: "Fejn int?" u lill-Profeta Missierna San Elija: "X'inti tagħmel hawn Elija?" Ġesù wkoll lil kull min resaq lejh biex jimxi warajh jew jitolbu fejqan, iqegħedlu din il-mistoqsija li taf tidher żorra: "Xi trid?!" jew "Xi tridni nagħmillek?" U dan għaliex is-sejħa qatt ma tiġi mill-inizjattiva tal-persuna nnifisha, iżda minn Alla. U għalhekk, it-tieni tarġa li se nsemmu, hija meħtieġa u fundamentali: id-dixxerniment, li jgħinna naraw min jew x'qed iqanqal it-talba tal-kandidat. Din il-mistoqsija nużawha fir-Rit tal-Professjoni, meta l-Assistent Spiritwali f'isem il-Knisja u l-Ordni jistaqsi: "Xi trid? X'qed titlob?"

## It-Tieni tarġa

It-tieni tarġa hija dik tad-*dixxerniment personali kif ukoll komunitarju*. U hawn ir-rwol importanti tal-Kandidat/a nnifsu jew innifisha, flimkien mad-direttur jew direttriċi spiritwali, mal-Assistenti Spiritwali, mal-Moderaturi, mal-Kunsill, mar-Responsabbli mill-Formazzjoni tal-Kandidati u fl-aħħar mill-aħħar mal-Fraternità nnifisha. Dawn, ilkoll flimkien, iridu jgħarblu, josservaw u jixtarru l-persuna u l-fraternità, fid-dawl tal-Kelma ta' Alla, tar-Regula u l-Istatuti, li jgħinuna naraw hemmx il-kwalitajiet meħtieġa li tinkludi qbil tal-persuna mal-ideal tal-Karmelu. Għax għalkemm it-Terzjarji Sekulari mhumiex Reliġjużi, ir-rabta tagħhom mal-Ordni hija waħda sħiħa u tgħabbihom bir-responsabiltà ta' impenn serju fi ħdan il-Knisja u l-Ordni, sabiex jagħnuh bil-qdusija fil-kontemplazzjoni u fil-ħajja appostolika.

Għad-dixxerniment tagħna personali u fil-fraternità, nistaqsu:

1. X'inhu l-Karmelu għalija?
2. X'inhu l-post tiegħi fih?
3. X'qieghed nagħmel u għalfejn qiegħed hawn?

---

(Jaqbad minn paġna 17)

Il-fidi mhux komuni tiegħek
Ir-rassenjazzjoni li hemm fik,
Isaħħaħhom ħa jġorru s-Salib:
Ġejt iżżurna Patri Avertan ...

X'inhu l-importanti, li jibqa'
Hijiex il-magħrufa tbissima,
Li biha lill-Mulej tajt qima:
Ġejt iżżurna Patri Avertan ...

Iss'ibqa' magħna, avolja
Iċ-ċelebrazzjoni se tintemm,
Ibqa' magħna fil-gwaj u fil-hemm:
Ġejt iżżurna Patri Avertan ...

Fil-prova int idħol għalina,
U mis-Sema ideal newlilna,
Hekk qalbna qatt mhi ħa tinfena:
Ġejt iżżurna Patri Avertan ...
U fis-siegħa ta' mewtna ċerta
Żommilna jdejna b'dik imħabbtek,
Li ssawbet fuqna, hawn fl-art b'talbek:
Ġejt iżżurna Patri Avertan ...

Hi t-talba tiegħi li dawn il-kelmiet semplici jissuktaw imissu l-qlub ta' ħafna nies li semgħu, iltaqgħu u talbu lil Patri Avertan. Jalla miċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo joħorġu biżibilju mirakli tar-ruħ, tal-ġisem u tal-emozzjonijiet bl-interċessjoni ta' dan il-Patri kbir fil-qdusija Karmelitan ħalli hekk ikollna l-grazzja narawh miqjum għall-qima tal-altari.

Patri Avertan, int li għext ħajja qaddisa u siekta fuq din l-art, idħol għalina mis-Sema ħalli ħajjitna tkun tixbaħ lil tiegħek, magħquda ma' Ġesù, l-aktar fil-Ġetsemani u fuq il-Golgota minn fejn ħarġet il-famuża kelma li fdietna lkoll: MISSIER, IKUN DAK LI TRID INT. Ammen.